**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 7 ta' Lulju, 2016**

Numru 7

**Rikors Guramentat Nru. 117/2014**

**Hannah Harris ghan-nom ta' Hugh Glass u**
**b'digriet tal-11 ta' Dicembru 2014**
**idahhlu fil-kawza Dr Joseph Arrigo u Dr Joe Zammit**
**minflok Hannah Harris bhala kuraturi ta' Hugh Glass**

**vs**

**Anthony u Carmen konjugi Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-7 ta' Frar 2014 li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti kien impjegat mal-atturi bhala Sales Manager ta' kumpanija tat-Time Share li kienet proprjeta tal-konvenuti mis-sena 1999 sas-sena 2006 u bhala konsulent bejn 2006 u 2010;

IIli fis-sena 2006 l-esponenti kien ghaddej minn problemi serji personali u peress li hu kien impjegat mal-konvenuti Spiteri u anki minhabba l-fatt li hu kien ihossu kwazi membru tal-familja Spiteri hu seta' jafdahom totalment;

Illi minhabba dawn ir-ragunijiet huwa kien ghadda l-flus kollha li kellu lilhom biex izommuhomlu u fil-fatt is-somma li ghadda lil Anthony u Carmen Spiteri kienet tammonta ghal tmienja u hamsin elf liri Maltin (Lm58,000) jew mija u hamsa u tletin elf, mija u tlett ewro (€135,103);

IIli fl-istess zmien, il-konvenuti kien ghad kellhom ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' sebat elef, mitejn u tmintax-il ewro (€7,218.00) li kienet tikkonsisti f'kummissjonijiet dovuti lir-rikorrenti ghas-snin 2002, 2003, 2004 u 2005 ta' xoghol/servizzi li rikorrenti pprovda lill-intimati;

Illi l-konvenuti kienu wkoll bieghu l-vettura tar-rikorrent (tal-ghamla SAAB) fuq talba tieghu imma r-rikavat ta' tali bejgh fl-ammont ta' elfejn erba' mija u sitta u erbghin ewro (€2,446.00) bhala fatt qatt ma gie mghoddi lir-rikorrent;

Illi r-rikorrent kien ghadda wkoll is-somma ta' seba' mitt ewro (€700) bhala depozitu ghal xi purtieri liema depozitu qatt ma regghu intraddu lura lir-rikorrenti mill-konvenuti;

Illi t-total tal-flus li r-rikorrenti ghadda lil konvenuti kien jammonta ghal mija hamsa u erbghin elf, erba' mija u sebgha u sittin ewro (€145,467.00);

Illi r-rikorrent kien skonta zmien gol-facilita korrettiva ta' H'Attard, u f'dan iz-zmien il-kovenuti kienu uzaw somma ta' flus tar-rikorrenti (mis-somma fuq spjegata) ghal-bzonnijiet personali tar-rikorrent kif jirrizulta wkoll minn statement li Anthony Spiteri stess, li kien baghat lir-rikorrenti sabiex itih redikont tal-bilanc li kien fadallu jaghti lura lir-rikorrenti (Dokument anness u immarkat bhala Dok. 2);

Illi f'dan l-istatement (Dok. 2), il-konvenuti Spiteri kienu iddikjaraw ukoll li kienu nefqu tnejn u tletin elf, hames mija u hamsa u tletin ewro (€32,535) li skont il-konvenuti kienu spejjez inkorsi minnhom fuq inkarigu tar-rikorrenti. Madankollu dawn l-ispejjez kienu gew ikkontestati mir-rikorrenti peress li fihom zbalji, (Lm500 - €1,164.68) spejjez doppji, u di piu illi l-konjugi Spiteri xtraw vettura tat-tip Mercedes (Lm8,000 - €18,634) ghalihom personali u minghajr kunsens tar-rikorrenti, kif sejjer jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

Illi illum skond ir-rikorrenti, meta jsir il-kalkolu bejn il-flus li r-rikorrenti ghadda lil konvenuti u jsir it-tnaqqis ta' dak li veru nefqu fuq inkariku tal-istess rikorrent il-bilanc dovut lilu li jifdal huwa ta' mija u tnejn u tletin elf, seba' mija u wiehed u tletin ewro (€132,730);

IIli kif hareg mil-facilita ta' H'Attard, ir-rikorrenti kellu jsiefer u ghalhekk talab il-flus lura, mil-konvenuti Spiteri u da parti taghhom talbuh ftit zmien ghal hlas;

Illi susegwentament huma bdew jinjoraw it-talbiet, gustifikati, tar-rikorrent li mbaghad wasal iz-zmien sabiex jitlaq minn Malta u dana minghajr mal-konvenuti tawh il-flus lura. Hu kien ghadu jafdhom u huma kienu l-unici hbieb li kien fadallu f'Malta ghalhekk telaq bl-arrangament illi l-konvenuti ser jibghatulu il-flus barra minn Malta;

Illi r-rikorrenti kemm-il darba prova jikkuntattja lil konvenuti permezz ta' telefonati u anki emails li kollha gew injorati;

Illi l-ftehim dejjem kien illi l-flus kellhom jigu restitwi lir-rikorrenti sempliciment b'talba, anki verbali, minn naha tar-rikorrent izda ghalkemm gew interpellati kemm-il darba mir-rikorrent, anki permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Lulju 2013 (Dok. 3), il-konvenuti dejjem baqghu inadempjenti;

IIli ghalhekk ir-rikorrenti ma kellux triq ohra hlief li jintavola dawn il-proceduri wara illi ezawrixxa kull mezz iehor biex jipprova jigbor flusu mil-konvenuti Spiteri;

Ghar-ragunijiet suesposti r-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tar-rikorrenti fis-sornma ta' mija u tnejn u tletin elf, seba’ mija u wiehed u tletin ewro (€132,730);

2) Tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu is-somma ta' mija u tnejn u tletin elf, seba’ mija u wiehed u tletin ewro (€132,730) lir-rikorrenti u dan fi zmien qasir u perentorju iffissat mill-Onorabbli Qorti, bl-imghax legali.

Bl-ispejjez inkluzi tal-Ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju u l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ddattat 22 ta' Jannar 2014. Il-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok parti mit-talba hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(A) tal-Kodici Civili tal-Kap. 16;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju t-talbiet l-ohrajn huma ukoll preskritti ai termini tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 2156(D) tal-Kodici Civili Kap. 16;

3. Illi fit-tielet lok it-talbiet huma infondat kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan ghax il-flus qatt ma kienu gew f'dati f'isem il-konvenuti imma l-intmati kellhom juzawhom ghall-bzonnijiet tar-rikorrenti u jekk jekk jibqa’ xi haga kellhom jinzammu mill-istess intimati u dan kien precizament il-ftehim.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi wahda mista. L-attur qed jitlob il-hlas ta’ Lm7,218 ammont dovut lilu bhala commission bejn l-2002 u l-2005 ghal xoghol/servizzi li hu rrenda lil konvenut. Qed jitlob il-hlas lura tal-valur tal-vettura tal-istess attur li l-konvenut biegh bil-prezz ta’ Lm2,446. Qed jitlob il-hlas lura ta’ Lm700 li hu ta lil konvenut biex jixtrilu purtieri. Fl-ahhar qed jitlob rifuzjoni ta’ Lm58,000 fi flus kontanti li hu jallega li afda mal-konvenut f’Marzu 2006 minhabba li kien ser jigi arrestat fuq kwistjoni mhux relatata mal-flus, liema somma ma gietx ritornata lura wara li skonta piena karcerarja cioe wara Mejju 2010.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li parti mit-talba hi preskritta a bazi tal-artikolu 2148(a) mentri t-talbiet l-ohra huma preskritti a tenur tal-artikolu 2156(d) tal-Kap. 16. Fil-mertu jsostni li l-flus mghoddija kellhom jintuzaw ghal bzonnijiet tal-attur u jekk jibqa' xi haga jinzammu mill-konvenuti.

**Eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni**

Dawn l-eccezzjonijiet fin-natura taghhom huma generici ghall-ahhar. Il-konvenut ma jghidx b'mod car jew b'mod deducibbli liema parti mit-talbiet huma kolpiti b'wiehed jew l-iehor miz-zewg artikoli kkwotati. Madankollu harsa lejn l-artikolu nnifsu ma jsibux rabta mal-pretensjonijiet attrici. L-artikolu 2148(a) jitkellem fuq nies tas-sengha jew arti mekkanika ghax-xoghol jew materjal fornit. Ebda wahda mit-talbiet ma taqa' f'dawn il-parametri, la l-commission ghal xoghol jew servizz resi, la rimbors ta' oggetti mixtrija jew mibjugha mill-konvenut u anqas rifuzjoni ta' flus afdati. L-artikolu 2156(d) imbaghad jitkellem fuq preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal hlas ta' mghax fuq somom mehuda b'self jew titolu iehor u dak li jithallas bis-sena jew perjodikament aqsar minn sena. Ebda wahda mit-talbiet ma hi ghal somom jew hlasijiet simili.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet marbuta mal-preskrizzjoniet invokati mill-konvenut qed jigu michuda.

**Mertu**

Il-mertu tal-azzjoni hi maqsuma f'erba' partiti li ser jigu trattat wahda wahda.

**Hlas ta' commission dovuta**

Il-principju regolatur hu li min jallega jrid jipprova l-fatt li jwassal ghal konvinzjoni morali fil-gudikant li l-fatt hu pruvat u hemm in-ness legali bejn il-fatt u l-pretensjoni dedotta mill-istess fatt liema pretensjoni mhix meghluba minn prova kuntrarja da parti tal-konvenut. L-attur fl-affidavit tieghu jixhed dwar l-ghajnuna li ta lil konvenut fl-operazzjoni ta' time share management bejn l-2002 u l-2005 kif ukoll f'servizzi rezi ghal bejgh ta' proprjeta u ghal tali pretensjoni kien dovut l-ammont reklamat izda li

ma thallasx ghax il-konvenut ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja biex jaghmel dan. Ghalkemm ix-xiehda da parti tal-konvenut fuq din il-kwistjoni hi non ezistenti ghalkemm jichad li kellu jaghtih xi haga pero l-Qorti mhix konvinta li semplici xiehda superficjali da parti tal-attur minghajr ebda prova jew kwantifikazzjoni dettaljata ta' kif l-attur wasal ghall-ammont ta' Lm7,200 dovuti titfa' dubju fuq il-pretensjoni attrici li din il-Qorti ma tqis li tista' tinjoraha. Di piu din l-azzjoni saret fl-2014 cioe disa' snin wara l-ahhar sena li l-attur jiddikjara li kien dovut lilu dan il-hlas minghajr qatt ma interpella lil konvenut hlief fl-2013 (ara fol. 9 tal-process) fejn isemmi commissions ghal perjodu 2002 sal-2005 ammontanti ghal Lm5,686 u mhux Lm7,240 kif qed jippretendi fil-kawza li pprezenta seba' xhur wara.

Dawn in-nuqqasijiet u diskrepanzi ma jikkonvincux lil Qorti li t-talba attrici fuq din il-kwistjoni ghandha tigi milqugha.

**Hlas tal-prezz tal-vettura appartenti lil attur mibjugha mill-konvenut**

L-attur qed jippretendi li jigi risarcit is-somma ta' Lm2,446 prezz tal-vettura Saab proprjeta tieghu mibjugha mill-konvenut. Ma tressqet l-ebda prova mill-attur oltre l-kelma tieghu u l-fatt li l-vettura kienet Saab 900. Mill-banda l-ohra l-konvenut fir-rendikont ipprezentat a fol. 7 u 8 tal-process hemm dikjarat dhul ta' Lm1,050 minn karozza. Ma hemmx spjegazzjoni ulterjuri. Il-konvenut ma jichadx il-pretensjoni attrici u anqas ipprezenta xi dokumentazzjoni li turi li fil-fatt il-vettura nbieghet ghal prezz ta' Lm1,050 li zgur li kellu u kien fid-dmir li jzomm jew jaghti lil attur. Wara kollox il-konvenut jammetti li l-karrozza nbieghet wara li l-attur kien gia fil-habs peress li hemm hrug ta' assikurazzjoni ghal vettura ghall-2007 mentri l-attur kien fil-habs fl-2006. F'dan il-kaz peress li jidher illi l-konvenut kien il-persuna li nnegozja l-bejgh tal-vettura, kellu l-oneru li juri li l-vettura bieghha ghal valur dikjarat fir-rendikont meta l-attur qed jallega li nbieghet ghal prezz ta' Lm2,446 u dan ma hux michud mill-istess konvenut. Kull ma jghid il-konvenut fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016 kien illi ma nghata ebda ricevuta tal-bejgh u hlas li sar.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi f'dan il-kaz ghandha temmen lil attur u hi dovuta ghalhekk lil attur id-differenza cioe Lm1,396.

**Hlas lura ta' Lm700 depozitu ghal purtieri moghtija lil konvenut**

L-unika entrata dwar din il-partita tidher fil-prospett tal-konvenut a fol. 7 tal-process fl-ammont ta' Lm150. L-attur f'dan il-kaz ma gab ebda prova, lanqas fl-affidavit fuq din il-kwistjoni u ghalhekk ma hemm ebda prova tangibbli li tissostanzja l-pretensjoni attrici, ghalkemm jinghad illi l-konvenut ukoll hu sieket fuq il-kwistjoni. Il-Qorti f'dan il-kaz ma tistax tissimpatizza mal-attur jekk ma talabx forma ta' accettazzjoni miktuba u ma ressaq ebda prova dwar dan il-hlas.

Ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda ghall-ammont ta' Lm550 ghax hu ammess li l-konvenut kellu f'idejh is-somma ta' Lm150 minghajr ma ngiebet prova mill-konvenut li l-flus gew utilizzati ghal purtieri.

**Rimbors ta' Lm58,000 mghoddija lil konvenut**

Hu pacifiku mill-atti li l-attur kien fi stat ta' paniku meta kien konsapevoli li ser jigi arrestat fuq akkuzi serji u kellu fil-pusses tieghu somma sostanzjali ta' flus kontanti f'daru u ma kellux ma' min jafdahom. Sab lil konvenut li kien lest ighinnu. L-attur jikkontendi illi ma sar ebda ftehim mal-konvenut hlief li talbu jzommhomlu. Anzi mistoqsi mill-Qorti fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016 jghid li gew depozitati mieghu. Skond l-attur ma gie miftiehem ebda forma ta' kumpens billi l-konvenut kien jaf li ghandu jaghtih tal-commissions u kien hemm relazzjoni ta' hbiberija. Hu jsostni li meta hareg mill-habs talab li jigi rimborsat lura s-somma u l-konvenut naqas li jaghtih ebda parti mis-somma hlief ghal €500 biex mar Hong Kong fejn kien sab xoghol. L-azzjoni attrici fil-fehma tal-Qorti ghandha mill-kunratt ta' depozitu fejn l-attur afda flusu mal-konvenut u meta kien il-waqt talab ir-ritorn tal-istess. Ara artikolu 1892, 1896 u 1915 tal-Kap. 16. Hu jichad li sar xi ftehim mod iehor.

Da parti tieghu l-konvenut mhux car f'dak li qed jippretendi hi r-relazzjoni guridika li nibtet bl-ghotja lilu tas-somma flus. Fir-risposta guramentata jaghti x'jifhem li l-flus gew moghtija lil konvenut u kellu juzahom ghal bzjonnijiet tal-attur u l-bilanc jinzamm mill-konvenut. Ma hux specifikat iz-zmien li fih il-konvenut kellu jadopera l-flus ghal

bzonnijiet tal-attur. Madankollu fix-xiehda in subizzjoni jghid hekk a fol. 68 tal-process:

> Dr Zammit: Mela inti kif qed tghid inti u kif ghidt anki fir-risposta guramentata tieghek is-somma li nghatajt hemmhekk kellha tkun ghall-bzonnijiet ta' Hugh Glass biex sakemm ikun qiehed fil-Facilita Korretiva tkun tista' tmur tarah u tiehu hsiebu u l-bzonijjiet tieghu u l-bqija zzommhom int hux hekk?
> Xhud: Iva

Pero ftit wara jikkontradixxi lilu nnifsu u jghid hekk a fol. 65:

> Dr Zammit: L-e-mail Sur Imhallef li rcieva l-klijent taghna minghandu. Inti qed tghid jigifieri li tahomlok, ara nghidtx sew inti qed tghid li dak tak dik is-somma, nfaqt f'erba/ snin minn 57,000 ghal 45,000 u l-bqija l-45,000 kien thomlok bhala servigi talli hadt hsiebu. Hux hekk qed nghidu sew?
> Xhud: Le kien taghni somma flus biex niehu hsiebu qalli titlaqnix u dawn ghall-bzonnijiet tieghi.
>
> Qorti: Dik is-somma globali jigifieri s-56,000 huma l-ammont kollu li tak. Minnu minn dak l-ammont kien hemm ammont specifiku ghalik biss jew qatt ma semmielet ammont specifiku?
> Xhud: Semmieli imma ma kontx preparat ghaliha onestament jien. Darba ohra ngibu.
>
> Qorti: darba ohra tghidilna kemm iprometta jew weghdek jew tak ghalik personalment. X'kien l-ammont specifiku.

Meta rega' xehed aktar il-quddiem fil-proceduri u kien qed jixhed kemm kien imur jara lil attur il-habs, jahsillu hwejjeg u jgiblu frott, hu jghid hekk a fol. 194 tal-process:

> Dr Fenech: U dan ghamiltu ghal erba' snin shah ghidtilna regolarment.
> Xhud: Iva erba' snin shah. Qatt ma abbandunajtu jien kif ftehmna fil-bidu qatt ma abbandunajtu.
>
> Dr Fenech: Issa jigifieri dan ghalfejn kont taghmlu inti jigifieri?
> Xhud: Ghax kien weghdni li half of the money, nahseb li kien it-tifel tieghi ma nafx jekk kontx naghmilha mmur narah darbtejn jew tlieta fil-gimgha, imma kont promisjajtu li mhux ha nabbandunah.
>
> Qorti: Kien weghdek?
> Xhud: kien weghdni li nofs is-somma hija tieghi.

Il-Qorti hi tal-fehma illi mill-provi u xiehda tal-konvenut qed jigi allegat mill-istess konvenut li hu ma hux qed jirrendi ghajnuna bhala xi forma ta' servizz moghti bi hlas izda hu nghata donazzjoni tas-somma shiha jew nofsha skond il-kaz mill-attur biex sakemm l-attur idum il-habs il-konvenut ma jabbandunahx.

Il-Qort tqis illi l-pretensjoni guridika ta' donazzjoni maghmula mill-konvenut mhix sostenibbli. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Albert Fiorentino vs Rebecca Attard** (App Inf 19/05/2004):

> Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Carmela Pace -vs- Rosaria Caruana et", Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949 (Kollez Vol XXXIII pII p416 "ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona".
>
> Qabel kull konsiderazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat illi "min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja, ossija mproprja, kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari … …" (Kollez Vol XXXII pII p472).

Il-Qorti tqis illi d-donazzjoni hekk imsejha mhix proporzjonata ghal kondizzjonijiet ekonomici tal-attur billi l-flus kienu l-patrimonju kollu tieghu. Ma rrizultax ebda spontanjeta u liberalita fit-traduzzjoni tal-oggett minn id ghal ohra (ara Kollezz Vol. XVII pII p81) u dan hu car mill-fatti li pprecedew l-ghotja tal-flus cioe l-arrest imminenti tal-attur. L-intenzjoni tal-attur kienet cara cioe ma riedx jisvesti ruhu mill-flus izda li jsib lok u persuna fejn u ma' min jistghu jigu kustoditi flusu. Ghalhekk il-Qorti ma tqis illi s-sottomissjoni tal-attur li gie donat somma daqshekk kbira ta' flus biex izommhom u jonfoq biss dak necessarju ghal bzonnijiet tal-attur dment li jkun il-habs hi ragonevolment kredibbli, u tapplika l-massima Rumana 'in dubio autem donatio non praesumitur'.

Skartata din l-ipotesi ghalhekk, jibqa' biss il-pretensjoni attrici li tigi rimborsata s-somma mghoddija lil konvenut. Il-Qorti tqis illi hu obbligu tal-konvenut illi jaghti lura dak mghoddi lilu wara li jitnaqqsu kull sommon mhallsa ghal beneficcju tal-attur.

Il-konvenut ipprezenta rendikont a fol. 7 tal-process. Ghalkemm jixhed li l-partijiet kienu f'xi zmien jzommu karta kull wiehed ta' dak li kien jintefaq, pero ma gie esebit xejn u l-konvenut jidhed li ghalih il-kwistjoni kienet maghluqa u ma zamm ebda dokument. Ghalhekk il-Qorti trid tifli d-dokument prezentat mill-konvenut u x-xiehda

tal-partijiet dwaru. Hu pacifiku mid-dokument illi l-konvenut dahhal f'isem l-attur is-somma ta' Lm58,000 u maghhom is-somom ta' Lm150 depozitu fuq appartament, Lm150 dwar purtieri, Lm658.14 hlasijiet ghal xi servizzi rezi lil terzi mill-attur, u Lm1,050 bejgh tal-vettura li din il-Qorti qieset mhix il-valur shih izda kellu jkun ta' Lm2,446 kif xehed l-attur. Ghalhekk il-konvenut kellu f'idejh depozitat mieghu s-somma ta' Lm60,008.14, oltre kif inghad aktar il-fuq il-bilanc fuq il-bejgh tal-vettura cioe Lm1,396 li mizjud mis-somma igib bilanc ta' Lm61,404.14.

Minn dan l-ammont il-konvenut elenka l-hlasijiet li saru li fil-fehma tal-Qorti huma fil-maggor parti ragonevoli fis-sens li jidher li ntefqu ghal bzonnijiet tal-attur. Pero hemm ammonti li ma hemmx spjegazzjoni plawsibbli ghalihom cioe hlas ta' Lm8,000 li l-konvenut ma jaghtix spjegazzjoni ghaliha avolja l-attur jixhed li b'dawn il-flus il-konvenut xtara vettura Mercedes. Hu l-obbligu tad-depozitarju li juza d-diligenza ta' bonus pater familias fil-qadi tal-inkarigu assunt u ma jistax jinqeda bil-haga izda jroddha lura kif inghatat. Il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni li qamet bl-investment tal-flus li marru hazin. Il-konvenut ma kellu ebda jedd jutilizza d-depozitu afdat lilu u ghalhekk xorta baqa' obbligat irodd lura dak li nghata hlief ghal dak li ntefaq ghal bzonnijiet tal-attur. Hemm ukoll tlett pagamenti maghmula lil certu Angie bla spjegazzjoni ulterjuri. L-attur jghid li awtorizza hlas darba fl-ammont ta' Lm500 mentri saru tlett hlasijiet ammontanti ghal Lm1,030. Bla spjegazzjoni jew kjarifika l-konvenut irid jaghmel tajjeb ghad-differenza ta' Lm530. Il-konvenut isemmi wkoll hlas ta' Lm1,350 biex il-flus li kienet f'munita Maltija jinbidlu f'ewro. Pero fix-xiehda li ta fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016, jidher illi ma tax spjegazzjoni ghaliex kellu jsir dan il-hlas. Del resto l-konvenut jixhed li hu nvesta l-flus depozitati mieghu qabel il-bdil tal-lira Maltija mal-ewro u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ta' ebda bdil ta' kambju. Ghalhekk din l-ispiza bl-ebda mod ma tidher gustifikata. Ghal bqija sa fejn jirrizulta mid-dokument a fol. 7 u 8 tal-process bl-eccezzjoni ta' dik is-somma aktar il-fuq, l-ammont li ghandu jitnaqqas hu ta' Lm3,087.28 li jhalli bilanc ta' Lm57,316.88 cioe €133,512.42.

Il-konvenut pero esebixxa l-quddiem fil-process (fol. 103 tal-process) rendikont aktar dettaljat li sar fil-mori tal-proceduri li jmur oltre l-5 ta' Mejju 2010 safejn kien jasal l-ewwel rendikont. Hu zied l-ispejjez tal-flight tal-attur ghal Hong Kong, hotel bejn il-5

ta' Mejju sat-28 ta' Mejju, hwejjeg u bagalji, infieq ta' ikel u hasil ta' hwejjeg kif ukoll hlasijiet ta' kemm hargu jiekol sakemm dam Malta wara li l-attur hareg mill-habs. Il-konvenut ma pprezenta ebda ricevuti izda l-attur pprezenta ricevuti li juru nfieq ta' €490 ghal lukanda mill-14 sat-28 ta' Mejju 2010 u biljett tal-ajru €736.95 b'kollox €1,226.95 li ghandu jitnaqqas mill-bilanc f'idejn il-konvenut u jgib l-ammont ghal €132,285.47. In kwantu ghal hlas ta' €400 ghal hwejjeg u bagalji, l-attur iqis l-ammont esagerat u l-Qorti tqis li l-konvenut ma pprezenta ebda prova tal-hlas li ghamel u ghalhekk fic-cirkostanzi arbitrio u boni viri l-konvenut ghandu jigi risarcit €300 li jgib il-bilanc dovut ghal €131,985.47.

Il-konvenut jghid li hu ta lil attur is-somma ta' €31,000 qabel dan telaq minn Malta u dan fuq talba tal-attur stess biex tinghalaq il-kwistjoni. Ma ngiebet ebda prova mill-attur dwar dan. Jixhed li kellu l-flus id-dar u mar il-bank biex isarrafhom f'karti ta' €500 pero ma gab ebda prova dwar dan it-tisrif avolja mitlub jesebixxi dokumenti. In oltre jidher li ghalkemm jixhed li l-flus kienu d-dar pero jirrizulta wkoll li l-konvenut kien investa l-flus mghoddija lilu fl-MSV Life u gew sbankati wara li l-attur telaq minn Mlata (ara xiehda ta' Denise Bezzina fol. 110 tal-process). Jirrizulta wkoll li xahrejn qabel ma hareg mill-habs il-konvenut zbanka €82,000 minn kont u jghid li l-€31,000 ittiehdu minnhom. Ma jispjegax ghaliex zbanka €82,000 mill-bank. L-attur jichad li nghata xi flus hlief ghas-somma ta' €500 u jinsisti li l-konvenut qallu li l-flus dovuti depozitati mal-konvenut jibghathomlu meta l-bank jirrilaxxhom fi zmien tlett xhur. Il-Qorti hi propensa temmen lil attur billi l-konvenut kellu l-oneru u r-responsabilta illi jekk sar hlas kif jallega l-konvenut ta' ammont daqshekk kbir a saldu tal-pretensjonijiet attrici, dan kellu jsir bil-miktub. Dan jinghad aktar u aktar meta ftit granet qabel telaq l-attur il-konvenut iffirma dokument anness ma' testment fejn jirrizulta li kien konsapevoli li hi dovuta somma kbira lil attur (ara fol. 36-37 tal-process). Ghalkemm gie allegat mill-konvenut li ma ffirmax id-dokument jew li z-zewg pagni tad-dokument fihom diskrepanzi, ma ngiebet ebda prova konkreta li timmina dak li jidher mill-istess dokument.

Ghalhekk il-pretensjoni tal-konvenut ma tirrizultax ippruvata.

Il-konvenut jippretendi risarciment mill-flus afdati lilu ta' €900 ghax kien jiehu lil attur jiekol barra kuljum fit-tul ix-xahar u fuqhom mindu l-attur hareg mill-habs sakemm siefer kif ukoll hlas ta' €12,500 ghal ikel li kien jehodlu fil-habs kif ukoll hasil ta' hwejjeg tal-attur ghal erba' snin li dam il-habs.

Il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jigi risarcit ghal kull spiza li ghamel biex l-attur jigi agevolat. Jirrizulta mix-xiehda tal-Maggur George Mallia a fol 219 tal-process illi l-konvenut kien imur spiss jara lil attur l-isptar, cioe aktar minn darba fil-gimgha. Jidher li mhux kontradett li darba fil-gimgha kien jehodlu frott u hwejjeg mahsulin. Dan dam ghall-erba' snin. Ma ngiebet ebda prova tangibbli tal-hlasijiet u spiza involuta li jinkludu uzu ta' petrol biex il-konvenut imur jara l-attur u jaghmillu xi qadjiet li kellu bzonn kif ukoll il-hin u spiza biex jitnaddfu l-hwejjeg tal-konvenut. Il-Qorti tqis illi fil-mankanza ta' prova cara ta' nfieq din il-Qorti ghandha tistabilixxi ammont ekwu li jirrifletti dak li l-attur kien ikollu jisborza biex isib min jiehu hsiebu b'dak il-mod, meqjus li depozitu hu di natura kuntratt gratuitu sakemm ma jirrizultax ftehim kuntrarju. Il-Qorti tqis li hu ekwu jitqies li nefqa medja fil-gimgha kif deskritta ghandha tigi stmata fis-somma ta' €25 fil-gimgha ghal erba' snin cioe mitejn u tmien gimghat cioe ammont ta' €5,200 li mizjuda mad-€900 li l-konvenut nefaq biex hareg lil attur jiekol ghandha titnaqqas mill-bilanc dovut cioe €131,985.47li jgib il-bilanc ahhari dovut mill-konvenut lil attur fis-somma ta' €125,885.47.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut u filwaqt li tichad l-eccezzjoni fil-mertu, tilqa' t-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' €125,885.47 u tikkundanna lil konvenut ihallas lil attur is-somma hekk likwidata, bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax jiddekorri mis-sentenza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur